MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2208/2002/1

**Saviour u Theresa konjugi Agius**

**vs**

**Antoine Xerri**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta’ Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670.00) kwantu ghal prezz u valur ta’ ‘airconditioning unit’ liema atrezzatura ma gietx supplita mill-konvenut mal-vettura mibjugha mill-konvenut

lill-atturi, liema vettura hija tal-marka Opel Astra Estate, numru tar-registrazzjoni BBM 074.

Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta' Awissu 2002 (Lm5.00) kontra l-konvenut..

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-partijiet qatt ma ftehmu li l-karozza kellha jkollha 'airconditioner' u l-karozza hekk harget mill-fabbrika, cioe' minghajr 'airconditioner'. Inoltre, l-vettura nbieghet 'tale quale' u giet ezaminata minn tekniku ta' fiducja tal-attur. Infatti ghax-xhur Frar sa Awissu 2002 l-attur qatt ma lmenta.

Sema' x-xhieda ta' Saviour Aguis, Emanuel Ciantar, John Aguis u Antoine Xerri, George Magri u Joseph Debono. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra l-verba tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2003 fejn il-konvenut issoleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16.

Ra s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2003 fejn giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur xtara vettura tal-marka Opel Astra minghand il-konvenut li huwa 'autodelaer' ghall-prezz ta' Lm7,000.00. L-attur isostni li meta xtara l-vettura l-konvenut kien qallu li l-vettura kellha 'full extras' u kienet fornita b'airconditioning unit'. Xi fiti tax-xhur wara li nxtrat il-vettura, l-attur skopra li effettivament din ma kienitx fornita b''airconditioning unit' kif miftiehem u permezz ta' din il-kawza huwa qieghed jitlob tnaqqis fil-prezz ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16. L-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta' prezz ta' 'airconditioning unit' ghal vettura tal-marka Opel Astra skond stima li huwa ottjena minghand l-agenti ta' dawn il-vetturi, liema stima tinsab esebita a fol. 22 tal-

process. Il-konvenut min-naha l-ohra jinnega li kien hemm ftehim li l-vettura kellha tkun atrezzata b''airconditioning unit' u jghid ukoll li fi kwalunkwe kaz il-vettura giet mibjugha 'tale quale'.

Illi l-kwistjoni kollha tidher li hija wahda ta' kredibilita' u cioe' jekk effettivament kienx hemm ftehim li l-vettura mibjugha u kkonsenjata lill-attur kellhiex tkun attrezzata b''airconditioning unit' o meno. It-Tribunal, wara li sema' liz-zewg partijiet kontendenti jixhdu, kif ukoll ix-xhieda minnhom prodotti, jinsab moralment konvint li l-verzjoni moghtija mill-attur hija ferm aktar kredibbli. Ix-xhieda tal-attur hija korroborata mix-xhieda ta' Emanuel Ciantar u John Aguis. Dawn iz-zewg xhieda t-tnejn ikkonfermaw li semghu lill-konvenut jghid lill-attur li l-vettura kienet attrezzata b'airconditioning unit': Ciantar ghaliex kien prezenti meta sar in-negozju bejn il-partijiet u Aguis meta akkompanja lill-attur ghand il-konvenut meta gie skopert li l-vettura ma kellhiex 'airconditioning unit'. Min-naha l-ohra z-ewg xhieda prodotti mill-konvenut ma kienux prezenti meta sar in-negozju veru u proprju bejn il-partijiet kontendenti u ghalhekk ix-xhieda tal-konvenut ma giet korroborata bl-ebda mod.

Illi fil-fehma tat-Tribunal is-sottomissjoni tal-konvenut li l-vettura giet mibjugha 'tale quale' m'hijex accettabbli ghaliex wiehed ma jistghax juza dan l-argument vis a vis 'airconditioning unit'. Din il-linja ta' difiza kienet tkun accettabbli li kieku l-attur kien qed jilmenta minn xi kundizzjoni apparenti fil-'body' tal-vettura izda ma japplikax ghall-assenza ta' 'airconditioning unit'.

Illi l-ammont mitlub mill-attur bhala rifuzjoni jew tnaqqis fill-prezz tal-vettura ma giiex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz id-dokument a fol. 22 tal-process jindika li l-ammont mitlub huwa ragonevoli u jirrifletti d-differenza fil-prezz bejn vettura tal-marka Opel Astra bhal dik mixtrija mill-attur b''airconditioning unit' u minghajr 'airconditioning unit'.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nternament mill-konvenut skond il-ligi."

Il-konvenut sokkombenti fil-gudizzju appella mis-sentenza appena riportata b'dawn l-aggravji:-

1. It-Tribunal kellu jilqa' l-eccezzjoni minnu sollevata tal-preskrizzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili. Huwa jikkontendi illi gjaladarba l-atturi kienu qeghdin jezigu minghandu l-valur korrispondenti ghall-"air conditioning unit" li suppost kellha l-vettura mibjugha ergo, l-azzjoni kienet wahda tendenti biex hu, qua venditur, jaghmel tajjeb ghad-difetti;

2. Fil-meritu, jilmenta li t-Tribunal ma kkunsidrax b'mod adegwat ic-cirkostanza li f'dan il-kaz il-bejgh kien "tale quale".

It-twegiba tal-atturi appellati hi hekk artikolata:-

(1) L-azzjoni taghhom kienet bazata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 1390, kif hekk sewwa rraguna t-Tribunal. Dan ghaliex, skond l-appellati, huma ma nvokaw l-ebda difett fil-haga mixtrija. Jirribattu ghalhekk illi t-terminu preskrittiv mqanqal mill-appellant ma kienx applikabbli ghall-kaz;

(2) Isostnu, mbaghad, illi l-kondizzjoni "tale quale" lanqas ma ticcentra. Fl-ispjega moghtija mill-atturi l-kwestjoni kienet tirrigwarda nuqqas ta' provvista ta' "extra" li kienet imweghda u li l-konvenut appellant naqas milli jikkonsenja.

Jidher mill-atti istruttorji illi l-materja hawn involuta titratta minn komprovendita. Li jfisser allura li l-konvenut venditur kellu 'ope legis' jadempixxi z-zewg obbligi specifici dettati mill-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili:-

(a) L-ewwel obbligu hu dak tal-konsenja tal-oggett vendut. Dan fis-sens li dan l-oggett kellu jigi kkunsinnat fl-istat li kien jinsab fiz-zmien tal-bejgh (Art 1393), bl-obbligu wkoll tal-kunsinna ta' l-accessorji tieghu (Art 1398). F'kaz li mbaghad ikun gie akkordat illi l-oggett kellu jkun ta' certu kwalita` kien hemm l-obbligu li l-kunsinna tal-oggett tkun ta' din il-kwalita` (Art 1390). Dan anke jekk din il-kwalita` ma tirrizultax minn xi klawsola negozjali specifikament espressa.

(b) Bhala t-tieni obbligu l-ligi tipprovdi wkoll li l-venditur kellu jiggarantixxi l-haga mibjugha wkoll ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha. "Garanzija din favur ix-xerrej intiza biex takkordalu l-opportunita` li xorta wahda jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat. Il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux regolata bl-artikolu 1424 et seq. tal-Kap 16 kellha allura titqies li kienet komplimentari ghall-obbligu tal-bejjiegh li jikkunsinna l-haga skond il-kwalita` mweghda u l-konsegwenzjali dritt tax-xerrej li, f'kaz ta' nuqqas, jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit" – "**Joseph Vassallo et -vs- Antonia Borg**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.

Precizati dawn iz-zewg obbligi, dan ma jfisserx illi bejn iz-zewg azzjonijiet ma hemmx ukoll differenzi markati kompriz dak taz-zmien utili li fih l-azzjoni l-wahda jew l-ohra kellha tigi esperita, Kif kostantement deciz, "meta l-kwestjoni tkun qieghda taggira ruhha fuq il-kwalita` tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli precizament ghaliex f'dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u prezumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita` tal-haga, izda x-xerrej jippretendi li ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih inutili ghalih" (**Kollez. Vol. XXXI pI p647**).

Dan premess, l-ewwel aggravju tal-appellant hu kontestazzjoni tad-dritt dwar x'rimedju kien accessibbli lill-atturi. Huwa jsostni li r-rimedju konsentit kellu jkun vizwalizzat fil-parametri tal-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili relattiv ghad-difetti li ma jidhrux fil-vettura mixtrija mill-atturi. Konsegwentement, jikkontendi, li f'kaz bhal dan l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta ghat-talba kellha tricevi favur. Dan in forza ta' dak preskritt fl-Artikolu 1431 (1) tal-Kap 16.

Issa apparti l-fatt li din il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellant illi l-atturi kienu qeghdin jeskogitaw ir-rimedju tal-azzjoni in garanzija prospettata fl-Artikolu 1424, jidher li l-aggravju interpost tal-estinzjoni tal-azzjoni jinsab proceduralment arenat fuq l-iskoll illi lanqas biss seta' jigi propost. Dan qed jigi rilevat in kwantu hu ovvju mill-kontenut tar-rikors ta' l-appell illi l-konvenut ma talabx ukoll ir-revoka tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha giet definita l-eccezzjoni sottomessa tal-preskrizzjoni. Dan bi ksur ta' dak dispost fl-Artikolu 231 (1) tal-Kap 12 li testwalment jipprovdi li meta jsir appell minn kull wahda mis-sentenzi moghtija fl-istess kawza ghandhom espressament jissemmew is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell. F'dan il-kaz dan ma sarx u l-konvenut illimita ruhu biex jitlob biss ir-revoka tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2003 li ddisponiet mill-meritu. Dan in-nuqqas tieghu li jappella mis-sentenza l-ohra tat-28 ta' Marzu 2003 igib b'konsegwenza li huwa ssokkomba ghal dan il-gudikat u allura l-appell tieghu minnha ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni u din il-Qorti ma tistghax ghalhekk, in vista ta' din l-akkwiexxenza tal-appellant, tokkupa ruhha mill-ewwel aggravju avvanzat minnu.

Kwantu ghat-tieni aggravju jibda biex jigi osservat illi, ankorke l-appellant kellu jitqies korrett fil-valutazzjoni tieghu tal-fatti u li allura si trattava minn kwestjoni ta' difett fil-haga venduta, huwa pacifiku illi "la clausola 'tale e quale' non ha per effetto di esonerare il venditore dalla responsabilita` per vizi occulti" ("**Comte. John Griscti -vs- Comte. Francesco Simler**", Appell Kummercjali, 28

ta’ April 1913). Ara wkoll fl-istess sens decizjoniiet a **Vol XLVIII pII p781** u **Vol XLIX pII p695**, fost ohrajn).

Precizat dan il-punt, mill-atti processwali jidher li dak li kienu qed jezigu l-atturi appellati ma kellu x’jaqsam xejn mal-kwestjoni tal-vizzju fil-karozza mixtrija izda kienu qed jippretendu li l-konvenut naqas li jikkonsenjalhom vettura kif appattwit bejniethom, jigifieri li din l-istess vettura kellha tkunu attrezzata b’“air conditioning unit”. Minn din il-konsiderazzjoni ta’ fatt, hekk moghti affidament pjen mit-Tribunal bhala l-aktar verosimili u kredibbli, hu car li l-atturi appellati ma kienux qeghdin jikkontestaw li l-vettura kienet difettuza jew li kellha xi vizzju mohbi. Jirrizulta, invece, li dan hu kaz ta’ difformita` fil-kwalita` u allura ta’ inadempjenza kontrattwali.

Jinsab spjegat fis-sentenza tal-**Qorti Taljana tal-Kassazzjoni** (**Numru 2885, 3 ta’ April 1997**) illi “quando le caratteristiche che contribuiscono a qualificare un prodotto costituiscono oggetto di espressa menzione nelle comunicazioni indirizzate, oltrecche alla generalita` dei consumatori, al destinatario di una specifica offerta di acquisto, quest’ultimo ha diritto di fare affidamento sulla loro presenza nel prodotto commerciato, sicche e` conforme ai canoni legali di ermeneutica contrattuale il ritenere che le suddette caratteristiche siano state considerate dalle parti qualita` essenziale del contratto, benche nel contratto non se ne sia fatta esplicita menzione”.

F’dan l-istess sens, mod jew iehor, hi s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Direttur ta’ l-Agrikoltura u Sajd -vs- Henry Attard noe**”, 21 ta’ April 1997.

F’dan il-kaz it-Tribunal emmen il-versjoni tal-attur Saviour Agius, kif sorrett mix-xhieda prodotti minnu, illi l-karozza kienet attrezzata b’ “air conditioning unit”. Accessorju dan li fil-mument tal-konsenja instab li ma kienx hemm. Rigwardata allura minn din il-perspettiva l-azzjoni esperita giet sewwa indirizzata anke ghal dak mitlub u cjoe il-hlas korrispondenti ghal dan l-accessorju konsiderat taht il-profil tat-tnaqqis tal-prezz.

Konsiderata fl-ambitu ta’ dak kollu fuq espost, il-vertenza giet tajjeb rizoluta mit-Tribunal u mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba r-ragonament maghmul u l-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata. Anke allura t-tieni aggravju tal-konvenut appellant ma jimmerita l-ebda akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermta, bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------